MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 401/2011

Simon **Desira**

**Vs**

**Rosina sive Rosalie Darmanin**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2011 fejn l-attur talab is-somma ta' elf tmien mija u hdax il-ewro (€1,811) rapprezentanti prezz ta' servizzi konsistenti fi zvilupp ta' sit elettroniku u servizzi ohra ancillari, liema servizzi gew rezi mir-rikorrent lill-intimata fuq inkarigu taghha stess, u li sa llum ghadhom mhux imhallsa.

Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas is-somma minnha dovuta, inkluz tal-ittra tat-3 ta' Jannar, 2011 u tal-Ittra Ufficjali tal-15 ta' Frar, 2011 numru 509/2011 l-intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha inkluzi tal-Ittra Ufficjali numru 509/2011, u bl-imghaxijiet kummercjali fuq is-somma dovuta b'effett mid-data ta' kull fattura, kollox kontra l-intimata.

Illi wara li giet debitament notifikata l-konvenuta pprezentat risposta fl-24 ta' Gunju, 2011 fejn eccepiet illi l-ammont pretiz mill-attur m'huwiex dovut u t-talba tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi;

1) Ix-xogholijiet esegwiti mill-attur ma kinux tal-kwalita pattwita;
2) Il-prezz li l-attur qed jippretendi huwa esagerat;
3) L-istess xoghol esegwit ma sarx skond l-arti u s-sengha tant illi l-konvenuta soffriet danni fin-negozju taghha kif ser tipprova waqt il-kawza.

4) Il-konvenuta kellha tidhol fi spiza zejda meta gabet persuna ohra biex tirrangalha x-xoghol hazing maghmul mill-attur.

Xehed l-attur Simon Desira illi qal li huwa l-owner ta' *Cyber World Creations* li tghati servizz ta' *internet*. Jghid illi lil konvenuta jafha permezz Mario Psaila li x-xoghol tieghu huwa dak ta' *hosting* u jaghtih xoghol ta' *internet* u hekk ghamel bil-konvenuta. L-attur jghid illi mar ghand il-konvenuta biex jara xi xtaqet. Kien mar ghal habta bejn Jannar u Frar 2008. Hi xtaqet li jkollha *online shop* u taha indikazzjoni tal-prezz. Kull meta tkellmu hi dejjem dahlet lit-tifel taghha ghaliex tghid illi ma tifhimx fl-*inernet.* Fil-fatt it-tifel taghha kien baghat lista tal-prodotti li kellhom jigu nkluzi fl-*online shop*. Kien hemm problema fl-*art work* u hawnhekk ghaddiet sena. Il-problema fl-*artwork* kienet illi kellhom jinfirdu l-prodotti minn *package* u jsiru *singles*.

Wara li tlesta x-xoghol dan intghogob kemm mill-konvenuta kif ukoll mit-tifel taghha. Pero meta l-attur ipprezenta l-*invoice* wara li lesta x-xoghol f'Awissu din talbitu izjed zmien u cioe sa Dicembru biex thallas. L-atur accetta pero f'Jannar qaltu li kellha problema u talbitu jistenna sa Gunju u kienet ser thallsu bl-interessi. Izda f'Gunju meta mar l-attur biex jithallas il-konvenuta qaltlu li kien hemm zball fil-prezzijiet. L-attur spjega illi l-prezzijiet li inkluda kienu dawk li ghaddhielu t-tifel tal-konvenuta. Imbaghad il-konvenuta kienet qaltlu illi kienet lesta thallas biss seba' mitt lira maltin (Lm700). Pero l-konvenuta baqghet lanqas dan ma hallset u baqghet iggib l-iskuzi.

Xehed Mario Psaila li qal illi huwa jihhostja l-*websites u domain*. Meta jkollu xoghol ta' *websites design* dan ix-xoghol jghaddieh lil Simon Desira u hekk ghamel bil-konvenuta. Wara li kellha laqgha ma' Simon Desira l-konvenuta cempet lil Mario Psaila u rringrazzjatu talli qabbadha ma' Simon Desira ghax kien intelligent u qdieha. Dan ix-xhud jghid illi lil Simon Desira kien ilu jafu u jafu bhala persuna responsabbli u professjonali fix-xoghol tieghu. Jghid ukoll illi x-xoghol ta' Simon ma setax isir minghajr il-*feedback* tal-klijent. Ma dan ix-xhud il-konvenuta qatt ma' ilmentat minn xoghol hazin, kien biss meta dan ix-xhud kellimha biex thallas lil Simon illi bdiet tghid illi kellha problema ta' flus. Imbaghad kienet bdiet tghid illi ma kienitx kuntenta bil-*website*.

Ma dan ix-xhud il-konvenuta kienet semmiet illi kienet lesta thallas l-ammont ta' seba' mitt lira maltin (Lm700).

Xehdet il-konvenuta u qalet illi hija timporta prodotti mill-Amerika u kellha bzonn taghmel reklami biex tbiegh. Mario Psaila kien issuggerhiela taghmel *online shop* u kien issuggerielha lil Simon Desira. Ftehmu ghal prezz ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) pero l-attur dam hafna ma beda l-*website*. Qalet illi peress illi dam tlett snin biex ghamel il-website hi kienet qaltlu ili sabiet f'erba mitt ewro (€400). Pero l-attur kien qalilha biex tghatih id-dettalji u kien ha hsieb it-tifel taghha Niki Agius Darmanin li huwa bniedem responsabbli u li ma kellu ebda raguni jaghti prezzijiet hziena lil-attur.

Tghid illi minbarra li l-attur ghamlilha prezzijiet hziena u ghamel il-prezz ta' *package* jirrifletti prezz ta' prodott wiehed, l-attur kien ghamel xoghol semplici hafna u kien qisu *scrap book* u mhux *website*. Tghid illi hija riedet *website* ticcaqlaq.

Il-konvenuta tghid illi wara tlett snin tistenna hi kienet accettat li jkompli jahdem pero kienet hasbet li ser jirrangalha l-prezz ghal dak rifless f'dan iz-zmien. Pero fl-istess hin il-konvenuta tghid illi ma tkellmitx fuq dan mal-attur. Tghid ukoll illi meta ssemmiet is-somma ta' seba' mitt lira maltin (Lm700) din kellha tkun seba' mitt ewro (€700). Pero tghid illi lanqas dwar dan ma tkellmet mal-attur.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jinsab cert illi l-konvenuta gabet kull skuza biex ma thallasx dak li huwa dovut minnha. Tghid ili l-*website* ghamlitilha l-hsara pero l-prezzijiet kienet hi u binha li baghatuhom lill-attur. Tghid ukoll illi l-prezz li talabha l-attur kien gholi u hi sabiet b'inqas. Il-konvenuta kellha kull opportunita illi tfittex minn jahdmilha bl-inqas prezz izda la darba ftehmet mal-attur u dan lesta x-xoghol li kellu jaghmel allura hi obbligata li thallsu.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill konvenuta thallas l-ammont ta' elf tmien mija u hdax-il ewro u tletin centezmu (€1,811.30) lill-attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament finali.

Bl-ispejjez tal-kawza kif ukoll tal-Ittra Ufficjali numru 509/2011 ikunu a karigu tal-konvenuta.

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------